

Brussell, 24 ta' Novembru 2023  
(OR. en)

15901/1/23  
REV 1

CULT 167  
AUDIO 112  
SOC 819  
EMPL 588  
RECH 524  
DIGIT 275  
IND 623  
PI 183  
JEUN 273  
GENDER 209

#### **EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

|          |                                                                                                                           |
|----------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                          |
| lil:     | Delegazzjonijiet                                                                                                          |
| Suġġett: | Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib tad-dimensjoni kulturali u kreattiva fis-settur Ewropew tal-logħob elettroniku |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib tad-dimensjoni kulturali u kreattiva fis-settur Ewropew tal-logħob elettroniku, kif approvati mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu fl-24 ta' Novembru 2023.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar**

**It-titjib tad-dimensjoni kulturali u kreattiva fis-settur Ewropew tal-logħob elettroniku**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR:

1. Il-kultura, bil-valur intrinsiku tagħha, u l-libertà artistika jaqdu rwol fundamentali għall-Unjoni Ewropea u ċ-ċittadini tagħha fit-tiżiż tal-identità Ewropea, fit-tiżiż tad-demokrazija u l-valuri tagħna, fl-iskattar ta' żvilupp sostenibbli, varjat u inklużiv u fl-ixprunar tat-tkabbir u l-impjiegi<sup>1</sup>;
2. L-eteroġeneità tas-sett ta' sottosetturi li jiffurmaw l-industrija kreattiva u kulturali, li jikkondividu elementi komuni, iżda li għandhom ukoll il-partikolaritajiet u r-realtajiet tagħhom stess;
3. Il-potenzjal kbir tas-settur tal-logħob elettroniku, bid-dimensjoni kulturali tiegħu, għat-tkabbir u l-innovazzjoni transsettorjali fil-qafas tat-tranżizzjoni diġitali adottat mill-Unjoni Ewropea;

---

<sup>1</sup> Is-settur tal-Industrija Kulturali u Kreattiva jirrappreżenta piż ekonomiku ta' 3.95 % tal-valur miżjud tal-UE (EUR 477 biljun), jimpjega 8.02 miljun persuna u jinvolti 1.2 miljun negozju, skont it-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Analiżi tematika. L-industrija Kulturali u Kreattiva. April 2022 [https://ec.europa.eu/economy\\_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/assets/thematic\\_analysis/scoreboard\\_thematic\\_analysis\\_culture.pdf](https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/assets/thematic_analysis/scoreboard_thematic_analysis_culture.pdf)

## FILWAQT LI JQIS LI:

4. Is-settur tal-logħob elettroniku jagħmel parti integrali mill-ekosistema tal-industrija kulturali u kreattivi. Huwa jinteraġixxi ma' setturi oħra u għandu potenzjal kbir biex joħloq u jittrażmetti kontenut u valuri kulturali u jenfasizza r-rikkezza u d-diversità tal-ħolqien, il-wirt u l-istorja Ewropej, kif ukoll għandu impatt sinifikanti f'termini ta' ħolqien ta' impjiegi u jagħti kontribut sinifikanti għall-PDG;
5. Filwaqt li l-Ewropa stabbiliet lilha nnifisha bħala wieħed mis-swieq ewlenin fid-dinja għall-logħob elettroniku b'valur stmat ta' EUR 23.48 biljun fl-2022 u għandha rwol ewlieni fl-istadji kollha tal-iżvilupp tiegħu (mid-disinn sad-distribuzzjoni), hemm nuqqas ta' data dettaljata, standardizzata u speċifika għas-settur;
6. L-indipendenza u s-sostenibbiltà tal-industrija Ewropea tal-logħob elettroniku, li prinċipalment tikkonsisti f'intrapriżi żgħar u mikro<sup>2</sup> u li qed tiffaċċa kompetizzjoni internazzjonali b'saħħitha kif ukoll qed tittratta l-isfida li żżomm it-talent, qed isserrħu fuq il-kapaċità tal-intrapriżi Ewropej li jibqgħu ħielsa li jkunu jistgħu jagħmlu l-għażliet artistiċi u strateġiċi tagħhom;

---

<sup>2</sup> 80 % tal-4 600 kumpanija eżistenti jimpjegaw inqas minn għaxar impjegati (Prospettiva tal-Industrija Ewropea tal-Media – SWD (2023) 150 final, Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni).

7. Fl-Unjoni Ewropea, l-utenti tal-logħob elettroniku jinstabu fis-segmenti tal-etajiet kollha, iżda speċjalment fost dawk l-aktar żgħażaġh<sup>345</sup>. Għalhekk, meta jiġu indirizzati l-politiki għas-settur tal-logħob elettroniku, għandu jitqies ħafna l-benessri tat-tfal u ż-żgħażaġh;
8. Il-potenzjal kbir tal-logħob elettroniku fil-promozzjoni ta' bidliet kulturali u soċjali pożittivi, il-potenzjal qawwi tal-logħob elettroniku fil-ġlieda kontra kull tip ta' diskriminazzjoni u mibegħda, u l-potenzjal profond tal-logħob elettroniku fir-rappreżentazzjoni tad-diversità u l-pluralità tas-soċjetajiet tagħna, tan-nisa u ta' gruppi oħra sottorappreżentati fis-settur tal-logħob elettroniku, il-progress u l-isforzi f'dan il-qasam għandhom jitkomplew u jiġu mħeġġa;
9. Il-logħob elettroniku, bħala xogħlijiet kreattivi kumplessi b'valur uniku u kreattiv<sup>6</sup>, għandhom katina ta' valur wiesgħa fejn id-drittijiet u l-assi tal-proprjetà intellettuali għandhom rwol sinifikanti għal aktar kompetittività u innovazzjoni u għandhom jiġu protetti biex jiġi żgurat li t-talent, il-kreattività, l-innovazzjoni u l-iżvilupp teknoloġiku jiffjorixxu;

---

<sup>3</sup> Is-suq globali laħaq id-dħul ta' EUR 179 biljun fl-2022, li jirrappreżenta tkabbir annwali ta' 5.4 % (Prospettiva tal-Industrija Ewropea tal-Media – SWD (2023) 150 final, Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni).

<sup>4</sup> Is-sehem Ewropew huwa mistenni li jammonta għal 7.3 % fl-2025, meta mqabbel mat-8.7 % fl-2017 (Prospettiva tal-Industrija Ewropea tal-Media – SWD (2023) 150 final, Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni).

<sup>5</sup> Għalkemm l-età medja ta' dawk li jilagħbu hija ta' 31 sena, aktar minn 70 % taż-żgħażaġh Ewropej ta' bejn is-6 u l-24 sena huma utenti tal-logħob elettroniku (Prospettiva tal-Industrija Ewropea tal-Media – SWD (2023) 150 final, Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni).

<sup>6</sup> Għall-fini ta' dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill, id-definizzjoni ta' logħob elettroniku hija dik rikonoxxuta mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (kawża C-355/12).

10. Il-ħolqien ta' loġħob elettroniku jinvolvi l-applikazzjoni ta' teknoloġiji avvanzati li jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' mudelli ġodda ta' negozju, pereżempju permezz ta' dinjiet virtwali. Dan jista' jkun mod addizzjonali biex jitrawwem it-tkabbir kulturali u kreattiv, kif ukoll l-iżvilupp ta' oqsma oħra ta' politika, inkluż l-edukazzjoni u t-taħriġ, speċjalment b'rabta mal-iżvilupp tal-litteriżmu fil-media u l-ħiliet STEAM<sup>7</sup>;
11. Il-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Kultura għall-perjodu 2023-2026 jinkludi t-"Tisħiħ tad-dimensjoni kulturali u kreattiva tas-settur tal-loġħob elettroniku fl-Ewropa" bħala waħda mill-azzjonijiet ewlenin li għandhom jitwettqu fil-kuntest tal-qasam ta' prijorità "Artisti u professjonisti kulturali: insaħħu s-setturi kulturali u kreattivi";

#### JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI BIEX:

12. Jesploraw l-għażliet rilevanti kollha biex jimplimentaw il-qafas ta' appoġġ immirat lejn il-promozzjoni tad-dimensjoni kreattiva u kulturali tal-loġħob elettroniku u janalizzaw il-possibbiltà li jintroduċu mekkaniżmi ta' finanzjament differenti, inkluż, fejn rilevanti, b'ispirazzjoni minn dawk diġà fis-seħħ għal setturi kulturali u kreattivi oħra bħall-industrija awdjoviżiva, it-trawwim tal-kundizzjonijiet li jippreservaw u jisfruttaw id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali mill-kreaturi u l-kumpaniji li ħadu sehem fil-ħolqien u l-iżvilupp tagħhom, u jippreservawhom bħala parti mis-settur kreattiv u l-wirt kulturali tal-Ewropa;
13. Jikkunsidraw li jappoġġaw, f'kooperazzjoni mas-settur tal-loġħob elettroniku, inizjattivi mmirati lejn il-preservazzjoni tal-loġħob elettroniku Ewropew bħala assi kulturali, kif ukoll sinerġiji fis-setturi kulturali u kreattivi biex tissaħħaħ id-dimensjoni kulturali Ewropea tal-loġħob elettroniku, jiġifieri l-użu mill-ġdid tad-data tal-wirt kulturali fil-proċess kreattiv, u b'kont meħud tal-proġetti eżistenti u l-kooperazzjonijiet ma' istituzzjonijiet kulturali oħra;

---

<sup>7</sup> Xjenza, Teknoloġija, Inġinerija, Arti u Matematika.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI BIEX, FIL-KOMPETENZI  
RISPETTIVI TAGĦHOM:

14. Itejbu l-informazzjoni dwar is-settur tal-logħob elettroniku billi jindirizzaw l-istandardizzazzjoni u jtejbu d-data u l-istatistika f'kollaborazzjoni mas-settur tal-logħob elettroniku u jikkunsidraw ir-reviżjoni tal-Klassifikazzjoni Statistika tal-Attivitajiet Ekonomiċi fl-Unjoni Ewropea (NACE<sup>8</sup>) bħala mod kif ittejjeb l-aċċess għal data speċifika għas-settur;
15. Jikkondividu u jxerrdu informazzjoni u l-aħjar prattiki, b'mod partikolari relatati mal-għajjnuna pubblika li tappoġġa l-logħob elettroniku, miżuri effettivi li jikkontribwixxu għad-diversità kulturali u lingwistika u l-ugwaljanza, l-aċċess għall-finanzi u l-appoġġ għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni u għan-negozji ġodda, u l-iżvilupp sostenibbli tas-settur tal-logħob elettroniku;
16. Jiskambjaw l-aħjar prattiki u jikkunsidraw azzjonijiet biex irawmu kundizzjonijiet aħjar għat-tkabbir tal-intrapriżi Ewropej tal-logħob elettroniku, b'mod partikolari n-negozji l-ġodda, jiffaċilitaw l-innovazzjoni u l-integrazzjoni tagħhom u d-dħul bla xkiel fis-suq, l-aċċess għall-finanzi u għall-finanzjament privat, u b'hekk jgħinu biex titnaqqas il-pressure fuq il-finanzjament pubbliku u jinħolqu sorsi ġodda;
17. Jattiraw u jippromwovu t-talent u l-inizjattivi maħsuba biex jipprovdu edukazzjoni u taħriġ speċjalizzati fi professjonijiet marbuta mal-industrija tal-logħob elettroniku, appoġġati minn diġalogu strateġiku mas-settur biex jirriflettu l-ħtiġijiet, u jenfasizzaw fuq il-karatteristiċi kulturali, kreattivi, tekniċi, legali u ekonomiċi ta' dawn il-professjonijiet kif ukoll il-qafas tal-proprjetà intellettuali applikabbli, u jtejbu l-integrazzjoni u ż-żamma sostenibbli tagħhom fis-suq tax-xogħol Ewropew, filwaqt li jindirizzaw ukoll l-isfidi relatati maċ-ċirkolazzjoni tat-talenti;
18. Irawmu d-diversità lingwistika, l-aċċess u l-ilħuq ta' lagħba ġodda, inkluż permezz tal-lokalizzazzjoni tal-logħob elettroniku mill-industrija;

---

<sup>8</sup> In-nomenklatura tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni Ewropea.

19. Jippromwovu inizjattivi mmirati lejn il-protezzjoni tal-utenti u l-iżgurar ta' ambjent online sikur għal-logħob elettroniku bi djalogu kontinwu mal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari l-litteriżmu fil-media bħala mezz biex tiġi pprovduta sensibilizzazzjoni fil-fond fir-rigward tal-logħob responsabbli u l-prevenzjoni ta' mgħiba dannuża;
20. Jappoġġaw, permezz ta' sħubiji pubbliċi-privati, l-aċċessibbiltà, it-titjib tal-ħiliet permezz tal-logħob elettroniku, il-protezzjoni u l-benessri ta' gruppi vulnerabbli fl-użu tal-logħob elettroniku, speċjalment iż-żgħażaġh u t-tfal, u b'mod partikolari billi jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' kampanji ta' informazzjoni u strumenti ta' protezzjoni tat-tfal bħall-ġhodod ta' kontroll mill-ġenituri u sistemi ta' klassifikazzjoni tal-età.

#### JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI BIEK, FL-OQSMA TA' KOMPETENZA TAGħHA:

21. Tesplora l-possibbiltà li ttipponi strateġija Ewropea għal-logħob elettroniku li tqis l-isfidi tal-industrija u tal-konsumaturi, speċjalment il-gruppi vulnerabbli bħat-tfal u ż-żgħażaġh, tippromwovi l-valuri Ewropej u d-diversità kulturali u lingwistika, filwaqt li tissalvagwardja l-libertà artistika, u tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-potenzjal ekonomiku, soċjali, edukattiv, kulturali u innovattiv tas-settur tal-logħob elettroniku filwaqt li tilħaq pożizzjoni fuq quddiem fis-suq globali tal-logħob elettroniku;
22. Filwaqt li fejn rilevanti tqis l-Istrateġija tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025, tippromwovi l-ugwaljanza fis-settur tal-logħob elettroniku sabiex tiżgura l-bilanċ bejn il-ġeneri u tippromwovi paga uguali, ambjenti professjonali inklużivi u rappreżentazzjoni diversa fl-istadji kollha tal-iżvilupp tal-industrija tal-logħob elettroniku, jiġifieri billi trawwem il-bidu ta' karriera u l-iżvilupp fil-karriera, il-pjanijiet biex tiġi indirizzata l-vjolenza abbażi tal-ġeneru; kif ukoll tevita li jinħolqu l-isterjotipi jew li dawn jiġu pperpetwati jew aggravati;

23. Tinkoraġġixxi kollaborazzjoni transfruntiera fis-settur tal-logħob elettroniku, kif ukoll ma' industrij kulturali u kreattivi oħra u setturi oħra tal-ekonomija Ewropea, sabiex jiġu sfruttati l-opportunitajiet u s-sinerġiji offruti mill-kooperazzjoni f'termini ta' finanzjament, riżorsi, viżibbiltà u għarfien espert, u biex jittiebu l-kompetittività u l-pożizzjoni internazzjonali;
24. Tappoġġa u tistimula l-kompetittività u l-indipendenza tal-kumpaniji Ewropej tas-settur tal-logħob elettroniku, b'mod partikolari l-SMEs, permezz ta' rieżami tal-applikazzjoni tar-regoli dwar l-ġhajnuna mill-Istat, b'mod partikolari, fejn xieraq, fil-qafas ta' reviżjoni tar-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija, u permezz ta' programmi u fondi Ewropej xierqa.

**Referenzi**

- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "An EU initiative on Web 4.0 and virtual worlds: a head start in the next technological transition" (Inizjattiva tal-UE dwar Web 4.0 u d-dinjiet virtwali: vantaġġ inizjali fit-tranżizzjoni teknoloġika li jmiss) – SWD (2023) 250, 11 ta' Lulju 2023;
- Prospettiva tal-Industrija Ewropea tal-Media – SWD (2023) 150 final, Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, 22 ta' Mejju 2023;
- Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Jannar 2023 dwar il-protezzjoni tal-konsumatur fir-rigward tal-logħob vidjo online: approċċ fil-livell tas-Suq Uniku Ewropew (2022/2014 (INI));
- Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar l-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Kultura u l-Istrateġija tal-UE għar-Relazzjonijiet Kulturali Internazzjonali (2022/2047(INI));
- Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2023-2026 (ĠU C 466, 7.12.2022);
- Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Novembru 2022 dwar l-isport elettroniku u l-video games (2022/2027(INI));
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Deċennju diġitali għat-Tfal u ż-Żgħażaġħ, l-Istrateġija Ewropea l-ġdida għal Internet Aħjar għat-Tfal" tal-11 ta' Mejju 2022 - COM (2022) 212 final;
- Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-13 ta' April 2022 dwar il-Bini ta' Strateġija Ewropea għall-Ekosistema tal-Industriji Kulturali u Kreattivi (2022/C 160/06);
- Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Annual Single Market Report 2021 (Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku 2021) (SWD/2021/351 final).

- Recovery and Resilience Scoreboard Thematic Analysis on Cultural and Creative Industries (Tabella ta' valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Analiżi tematika dwar l-Industriji Kulturali u Kreattivi) (April 2022);
- Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2021 dwar iż-żieda tad-disponibbiltà u l-kompetittività tal-kontenut awdjoviżiv u tal-media Ewropew (2021/C 501 I/02);
- Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 2021 dwar il-Media fl-Ewropa fid-Deċennju Diġitali: Pjan ta' Azzjoni li jappoġġa l-Irkupru u t-Trasformazzjoni (2021/C 210/01);
- Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-2 ta' Ġunju 2021 dwar l-irkupru, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tas-setturi kulturali u kreattivi (2021/C 209/03);
- Regolament (UE) 2021/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2021 - 2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013;
- Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-21 ta' Lulju 2020 dwar il-pjan għall-irkupru u l-qafas finanzjarju pluriennali għall-2021-2027;
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025" tal-5 ta' Marzu 2020 – COM (2020) 152 final
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar kollegamenti kulturali u kreattivi biex jiġu stimulati l-innovazzjoni, is-sostenibbiltà ekonomika u l-inklużjoni soċjali (2015/C 172/04);
- Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajjuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, pp. 1-78) u emendi suċċessivi ("Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija" - GBER).